



Ġabra tal-ġurisprudenza

Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Diċembru 2021 – Rookan *et vs* Il-Parlament

(Kawża T-723/21 R)

“Proċeduri għal miżuri provviżorji – Membri tal-Parlament – Kundizzjonijiet ta' aċċess għall-bini tal-Parlament fit-tliet postijiet tax-xogħol tiegħu marbuta mal-kriżi sanitarja – Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni – Nuqqas ta' urġenza”

1. *Proċeduri għal miżuri provviżorji – Sospensjoni tal-eżekuzzjoni – Miżuri provviżorji – Kundizzjonijiet għall-għoti – Fumus boni juris – Urġenza – Dannu gravi u irreparabbli – Natura kumulattiva – Ordni ta' eżami u metodu ta' verifika – Setgħa diskrezzjonali tal-Imħallef għal miżuri provviżorji – Ibbilanċjar tal-interessi kollha inkwistjoni*

(Artikoli 256(1), 278 u 279 TFUE; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 156(4))

(ara l-punti 8–11)

2. *Proċeduri għal miżuri provviżorji – Sospensjoni tal-eżekuzzjoni – Miżuri provviżorji – Kundizzjonijiet għall-għoti – Urġenza – Dannu gravi u irreparabbli – Oneru tal-prova li jaqa' fuq il-parti li titlob il-miżura provviżorja*

(Artikoli 278 u 279 TFUE; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 156(4))

(ara l-punt 14)

3. *Proċeduri għal miżuri provviżorji – Sospensjoni tal-eżekuzzjoni – Miżuri provviżorji – Kundizzjonijiet għall-għoti – Urġenza – Dannu gravi u irreparabbli – Dannu purament ipotetiku bbażat fuq is-seħħ ta' avvenimenti futuri u inċerti – Natura insuffiċjenti li tiġġustifika l-urġenza*

(Artikoli 278 u 279 TFUE; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 156(4))

(ara l-punt 26)

4. *Proċeduri għal miżuri provviżorji – Sospensjoni tal-eżekuzzjoni – Miżuri provviżorji – Kundizzjonijiet għall-għoti – Urġenza – Dannu gravi u irreparabbli – Ksur tad-drittijiet fundamentali – Riskju li ma jikkostitwixxix fih innifsu dannu gravi – Oneru tal-prova li jaqa' fuq il-parti li titlob il-miżura provviżorja – Natura partikolarment serja ta' fumus boni juris – Assenza ta' effett*

(Artikoli 278 u 279 TFUE; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 156(4))

(ara l-punt 30)

5. *Proċeduri għal miżuri provviżorji – Sospensjoni tal-eżekuzzjoni – Miżuri provviżorji – Kundizzjonijiet għall-għoti – Urġenza – Dannu gravi u irreparabbli – Oneru tal-prova – Neċessità li jiġi invokat ir-riskju li dan id-dannu jiġġarrab personalment*

(Artikoli 278 u 279 TFUE)

(ara l-punti 36, 41)

6. *Proċeduri għal miżuri provviżorji – Sospensjoni tal-eżekuzzjoni – Miżuri provviżorji – Kundizzjonijiet għall-għoti – Urġenza – Dannu gravi u irreparabbli – Oneru tal-prova – Obbligu li jiġi pprovduti indikazzjonijiet konkreti u preċiżi, sostnuti bi provi dokumentali fid-dettall*

(Artikoli 278 u 279 TFUE; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 156(4))

(ara l-punt 40)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikoli 278 u 279 TFUE u intiża għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni tal-Bureau tal-Parlament Ewropew tas-27 ta' Ottubru 2021 dwr regoli eċċezzjonali fil-qasam tas-saħħa u tas-sigurtà li jirregolaw l-aċċess għall-bini tal-Parlament fit-tliet postijiet tax-xogħol tiegħu.

Dispożittiv

- 1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.
- 2) Id-digriet tal-15 ta' Novembru 2021, *Rooken et vs Il-Parlament* (T-723/21 R), huwa rrevokat.
- 3) L-ispejjeż huma rriżervati.